MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**

**SILVIO CAMILLERI**

**ONOR. IMHALLEF**

**TONIO MALLIA**

**ONOR. IMHALLEF**

**JOSEPH AZZOPARDI**

Seduta ta' l-24 ta' April, 2015

Appell Civili Numru. 733/2007/1

**Anthony Galea**

**v.**

**Gaetan Frendo**

Il-Qorti

Rat ir-Rikors guramentat li ipprezenta l-attur fis-6 ta’ Lulju, 2007 li jaqra hekk:

“1. Illi l-attur kien jahdem bit-taxi bin-numru ta’ registrazzjoni KTY-149 ghal diversi snin, anki qabel ma’ ntlehaq il-ftehim dwar il-karozza *de quo*;

“2. Illi fis-sena 2000 din il-karozza ma kienitx baqghat tajba ghax-xoghol. Ghaldaqstant il-partijiet ikkonkludew ftehim ghax-xiri tal-karozza *de quo* minghand l-attur ghas-somma ta’ Lm8,500 skond kif jinghad hawn taht. Dan kien jinkludi l-ispejjez sabiex il-karozza tinbidel minn magna Petrol ghall-magna Diesel u sabiex tigi mizbugha bajda.

“3. Illi din il-vettura qabel ma’ kienet registrata f’isem Gaetan Frendo kienet registrata f’isem Anthony Galea.

“4. Illi l-konvenut kellu jhallas l-ammont pattwit ta’ Lm8,500, kif jirrizulta mill-*log book* (kopja annessa Dok. A) fejn hemm miktub ‘*transfer to be authorized by Malta Transport Authority’* mid-Dokument ‘B’ u ‘C’ ittra mibghuta lil Awtorita’ u r-risposta ta’ l-Awtorita’, rispettivament.

“5. Illi l-konvenut ghadu ma hallasx centezmu wiehed ghal din il-vettura, u ghaldastant ghalkemm il-karozza hija registrata f’ismu huwa m’huwiex is-sid legittmu sakemm ma’ jhallasx dan l-ammont.

“6. Illi fix-xahar ta’ Dicembru tas-sena 2000 l-attur u l-konvenut ftehmu wkoll li l-attur kellu jhallas is-somma ta’ Lm45 (hamsa u erbghin Lira) fil-gimgha lil Gaetan Frendo sabiex ikun jista’ juza l-pjanci tat-taxi (minhabba li l-permess huwa f’isem Gaetan Frendo) u wara li l-attur ihallas lill-konvenut is-somma ta’ Lm20,000 (ghoxrin elf lira Maltin) il-konvenut kellu jirregistra dawn il-pjanci f’isem Anthony Galea.

“7. Illi Anthony Galea hallas lil Gaetan Frendo regolament u s’issa hallas is-somma ta’ Lm14,895 (erbatax -il elf Lira Maltin tmien mija hamsa u disghin Lira Maltin).

“8 Illi recentement u precizament fis-7 ta’ Mejju, 2007 il-konvenut talab u ottjena l-hrug ta’ Mandat ta’ Qbid kontra l-attur ghas-somma ta’ Lm800 (tmien mitt lira Maltin) ghall-kawzali tal-valur approssimattiv tal-vettura targata KTY 149, u sussegwentement fetah kawza civili fil-Qorti tal-Magistrati fejn qieghed jitlob Lm800 (tmien mitt lira Maltin).

“9. Illi l-iskop tal-Mandat ta’ Qbid ma kienx dak li jigbor Lm800 (tmien mitt lira Maltin) izda li jaqbad l-imsemmija karozza sabiex b’hekk l-attur ma jkunx jista’ jahdem u ghalhekk ma jkunx jista’ jhallas lill-istess konvenut.

“10. Illi huwa evidenti li l-agir ta’ Gaetan Frendo sar proprju bi skop li ma jigix attwat il-ftehim li kellhom bejniethom il-partijiet u b’hekk ma ssirx ir-registrazzjoni ta’ l-imsemmija pjanci f’isem Anthony Galea.

“Jghid ghalhekk il-konvenut ghaliex din l-Onorabbli Qorti m’ghandiex:

“1. Tiddikjara li l-ammont ta’ Lm8,500 (tmint elef u hames mitt lira Maltin) huma dovuti lill-attur ghall-vettura ta’ l-ghamla Mercedes – taxi bin-numru ta’ registrazzjoni KTY-149 mibjugha mill-attur lill-konvenut u li fuqha l-konvenut baqa ma hallas xejn;

“2. Tikkundanna l-konvenut ihallas lill-attur l-ammont ta’ Lm8,500 (tmint elef u hames mitt lira Maltin);

“3. Tiddikjara li llum il-gurnata l-pjanci ta’ registrazzjoni KTY-149 huma proprjeta’ ta’ l-attur la darba l-attur ihallas il-bilanc fuq l-ghoxrin elf lira Maltin (u cioe’ Lm 5,105);

“4. Tordna li l-pjanci ta’ registrazzjoni KTY-149 jigu registrati f’isem Anthony Galea;

> "B'rizerva ghal kull azzjoni nkluza dik ghad-danni spettanti lill-attur minhabba l-agir illegali tal-konvenut u bl-ispejjez u bl-imghax kontra l-konvenut minn issa ngunt ghas-subizzjoni."

Rat ir-risposta guramentata tal-konvenut li in forza taghha eccepixxa illi:

> "1. Illi preliminarjament l-azzjoni hekk kif imressqa mill-attur hija guridikament improponibbli u dan stante li hija bbazata fuq ftehim dwar trasferiment ta' vettura li tassattivament ghandu jsir bil-miktub. Ghalhekk l-azzjoni hekk kif imressqa ma tistax tregi u hija nulla;
>
> "2. Illi l-konvenut jecepixxi illi m'huwa minnu xejn dak li qed isemmi l-attur dwar il-kondizzjonijiet tal-bejgh tal-vettura in kwistjoni;
>
> "3. Illi fi kwalunkwe kaz u minghajr ebda pregudizzju ghas-suespost, il-konvenut jecepixxi illi l-vettura in kwistjoni hija rregistrata f'ismu, llum hija proprjeta' pjena tieghu u huwa hallas dak kollu li kien dovut lill-attur billi l-attur qata' l-prezz tal-vettura in kwistjoni mill-kera li huwa kellu jaghti lill-konvenut dwar il-vettura in kwistjoni;
>
> "4. Illi finalment il-konvenut jirrileva illi l-'plates' li l-attur qed jitlob lill-Qorti li huma tieghu u cioe' n-numru tal-'plate' KTY-149 bhala 'taxi' ilha ghal ghexieren ta' snin irregistrata fuq l-istess konvenut u dan hekk kif se jipprova l-istess konvenut waqt it-trattazzjoni ta' din il-kawza;
>
> "5. Salv difizi ulterjuri hekk kif permessi mil-ligi"

Rat is-sentenza preliminari li tat il-Prim' Awla tal-Qorti Civili fit-28 ta' Marzu, 2008, li in forza taghha cahdet l-ewwel eccezzjoni tal-konvenut;

Dik il-Qorti tat is-sentenza taghha wara li ghamlet is-segwenti konsiderazzjonijiet:

"Illi l-kawza thalliet ghal lum ghas-sentenza fuq l-ewwel eccezzjoni tal-intimat dwar in-nullita' ta' l-azzjoni odjerna stante li l-azzjoni kif imressqa hija guridikament improponibbli billi hija bbazata fuq ftehim dwar trasferiment ta' vettura li tassattivament ghandu jsir bil-miktub.

"**Kontestazzjoni**

"L-intimat qed jissottometti li r-rikorrent qed jibbaza l-azzjoni tieghu fuq ftehim dwar trasferiment ta' vettura u qed jitlob bilanc ta' prezz a bazi ta' dana l-ftehim. Izda fil-fatt ma jezisti ebda ftehim bil-miktub ghalhekk billi l-forma ta' skrittura f'kazijiet ta' komprovendita ta' vettura hija necessarja, l-azzjoni tar-rikorrent hija improponibbli.

"L-attur wiegeb li mit-talbiet fir-rikors jirrizulta li hu qed jitlob hlas ta' l-ammont tal-vettura u mhux semplici kwistjoni ta' transfer ta' vettura. Inoltre l-konvenut jammetti li kien hemm ftehim bejnithom. Hemm ukoll it-*transfer restriction* fuq il-*log book* a bazi ta' l-artikolu 25 u l-fatt li l-attur skond l-imsemmi ftehim kien ihallas bil Lm 45 fix-xahar.

"**Konsiderazzjoniijiet**

"Fil-gurisprudenza taghna huwa stabbilit illi l-forma ta' l-iskrittura f'kazijiet ta' komprovendita' ta' vetturi hija necessita' assoluta. Il-Ligi tirrikjedi l-forma skritta mhux biss '*ad probationem'* imma '*ad substantiam et validitatem*'. (Vol LXXV11 pii p 18; XL p1 p 583). L-inosservanza ta' dina l-formola preskritta bil-ligi ggib il-konsegwenza tan-nullita' jew inezistenza tal-kuntratt '*ipso iure'*. (Ara Artikoli 39 u 40 tal-Kap 294).

"Fil-kaz in ezami r-rikorrent ghamel diversi talbiet, l-ewwel tnejn li jirrigwardaw l-bejgh tal-vettura in kwistjoni u t-tnejn l-ohra rigwardanti r-registrazzjoni tal-pjanci tal-vettura.

"Issa hu risaput li transfer ta' licenzja ta' karozza mhux l-istess bhal transfer ta' titolu ghal proprjeta'. (ara sentenza App A vs B u C et deciza 11 ta' Marzu 1991). It-transfer ta' karozza hu kompletat meta l-partijiet jiffirmaw l-iskrittura privata. It-trasferiment ta' proprjeta' ma tiddependiex mir-registrazzjoni ta' l-istess ma' l-awtoritajiet kompetenti. (ara sentenza App Aquilina vs Sammut 7 ta' Novembru 1994).

"Fit-talbiet tar-rikorrent ma hemmx biss kwistjoni dwar transfer semplici ta' vettura, u nuqqas ta' pagament da parti ta' l-intimat imma hemm ukoll talbiet ghar-registrazzjoni tal-pjanci fuq isem ir-rikorrent wara li dana qed jallega li huwa hallas taghhom lill intimat.

"Kif qalet il-Qorti fis-sentenza Dalli vs Caruana fuq riportata, skrittura tista' tiehu vari forom, inkluz dik li tghaddi l-proprejta' lill-kompratur, anke jekk dan ma jkunx hallas il-bilanc kollu dovut, jew fejn il-venditur ikun irriserva favur tieghu l-proprjeta' ta' l-oggett mibjugh sakemm jithallas il-prezz kollu.  Dina l-prova r-rikorrent ghamilha tant li pprezenta ittra (ara fol 8) fejn din il-vettura ghandha fuqha *transfer restriction.*

"Inoltre jigi rilevat li apparti t-talba tar-rikorrent ghal-hlas tal-vettura hemm ammissjoni ta' l-intimat (ara tielet eccezzjoni) fejn dan qed jaccetta li l-attur qata' l-prezz tal-vettura in kwistjoni mill-kera li huwa kellu jaghti lilu dwar il-vettura in kwistjoni."

Rat is-sentenza finali li tat il-Prim' Awla tal-Qorti Civili fl-14 ta' Lulju, 2011, li in forza taghha ddecidiet il-kawza hekk:

"1) Tilqa` l-ewwel talba limitatament u tiddikjara li l-konvenut ghandu jaghti lill-attur l-ammont ta` sitt elef seba` mija u tmien Ewro u disgha u hamsin centezmu (€6,708.59).

"2) Tilqa` t-tieni talba limitatament u tikkundanna lill-konvenut sabiex ihallas lill-attur ihallas l-ammont ta` sitt elef seba` mija u tmien Ewro u disgha u hamsin centezmu (€6,708.59) bl-imghax legali b`effett mil-lum.

"3) Tichad it-tielet u r-raba talbiet attrici kif dedotti.

"4) Tordna li l-ispejjez tal-kawza jinqasmu bin-nofs bejn il-partijiet."

Dik il-Qorti tat is-sentenza taghha wara li ghamlet is-segwenti

konsiderazzjonijiet:

> “L-attur xehed li huwa kien jahdem bit-taxi tal-konvenut. Ghal dak l-uzu kien ihallas Lm30 fil-gimgha. Fl-2000 sab li l-vettura ma kenitx ghadha tajba ghax-xoghol. Ghalhekk l-attur xtara vettura li kienet Mercedes hamra u tahdem petrol. L-attur ftiehem mal-konvenut li jaghmel uzu mill-pjanci tal-vettura l-ohra li ma kenitx baqghet tajba ghat-triq billi jduru fuq il-Mercedes, li l-magna tinqaleb diesel u li l-vettura tinzebah bajda. Il-vettura kellha dur fuq il-konvenut. L-attur sostna li meta *nhallas ghoxrin elf lira lilu jien ikolli kollox tieghi*. Il-karozza daret fuq il-konvenut ghax il-permess kien fuq il-konvenut. Meta l-attur dahhal il-vettura l-gdida, huwa beda jhallas lill-konvenut Lm40 kull erba` gimghat. Li gara fir-realta` kien li hu uza l-vettura tieghu u xtara l-permess minghand il-konvenut. L-attur hallas aktar mit-Lm8,500 li qieghed jitlob fil-kawza tal-lum.

> “Mhux kontestat li Dok A a fol 7 tal-process huwa kopja tal-*logbook* tal-vettura KTY149. Minn dan id-dokument jirrizulta li dak in-numru ta` registrazzjoni jorbot mal-konvenut u huwa relatat ma` vettura tat-tip Mercedes Benz tal-1980. Mil-logbook jirrizulta li kwalsiasi trasferiment tal-vettura jrid ikun awtorizzat mill-Awtorita` tat-Trasport. Lanqas ma hu kontestat li l-vettura in kwistoni kienet taxi. Il-vettura hija registrata fuq il-konvenut.

> “Mill-assjem xejn kristallin tal-provi f`din il-kawza ghandu jinghad li l-vertenza hija bejn taxi-driver (l-attur) u sid il-permess tat-taxi u allura tal-pjanci (il-konvenut). Jidher li l-attur kien ilu jikri t-taxi minghand il-konvenut ghal diversi snin sabiex jahdem biha. Huwa jallega li fis-sena 2000 hu u l-konvenut ftehmu li dan ta` l-ahhar jixtri minghand l-attur Mercedes 200 (ara r-rapport u r-ritratti tal-perit tekniku a fol. 167 et seq) sabiex din tibda sservi ta` taxi minflok il-karozza l-antika li ma kenitx baqghet tajba biex isservi ghal dan ix-xoghol. L-attur ighid illi mhux biss kien hu illi hallas il-prezz biex inxtrat il-Mercedes izda kien hu wkoll li nkorra l-ispejjez sabiex minn hamra tinzebah bajda u sabiex minn petrol taqleb ghal diesel. Bejn il-partijiet fir-rigward ta` din il-Mercedes kien operattiv ir-Regulation 25 tal-Motor Vehicles Regulations[1].

> “Brian Farrugia mill-Awtorita` dwar it-Trasport ta` Malta xehed illi l-konvenut akkwista l-vettura Mercedes 200 minghand l-attur. Il-partijiet ntrabtu quddiem l-Awtorita` li l-konvenut kien qed jakkwista fuq bazi ta` *hire purchase* minghand l-attur bl-applikazzjoni tar-Regulation 25. Abbazi tar-restrizzjoni li tohrog minn dak ir-regolament, il-konvenut la seta` jittrasferixxi l-vettura permezz ta` bejgh u lanqas jitlob li tigi *scrapped* minghajr il-kunsens tal-attur. Ir-Regolament ma kellu l-ebda konnessjoni mal-pjanci tat-taxi *ossia* mal-permess biex karozza tkun tista` tintuza bhala (ara fol. 85 tal-process). Ghalhekk dak ir-Regolament ma kienx jorbot lil sid il-

[1] Il-Ligi Sussidjarja 65.11 bit-titolu ‘Regolamenti dwar il-Vetturi bil-Mutur’ giet emendata u Regulation 25 kien sar Regulation 26 u fl-2004 dan l-artikolu gie imhassar permezz ta’ l-Avviz Legali 476 ta’ l-2004.

permess tat-taxi sabiex jitrasferixxi l-pjanci tat-taxi minn fuq karozza ghal ohra izda jorbtu biss sabiex ma jittrasferix il-vettura *de qua* (ara d-dokumenti a fol. 66 in konferma ta` dan).

"L-attur jallega wkoll illi apparti l-ftehim li kien sar mal-konvenut dwar l-uzu tal-Mercedes bhala taxi, il-partijiet kienu ftehmu wkoll illi wara li l-attur ihallas l-ammont ta` Lm20,000, kemm il-karozza Mercedes kif ukoll il-pjanci tat-taxi u cioe` il-permess, iduru fuq l-attur (fol. 37). L-attur isostni illi huwa ppropona li jsir kuntratt f`dan is-sens izda l-konvenut qatt ma ried jaghmel hekk ; minflok huma t-tnejn iffirmaw it-quddiem l-Awtorita` bil-kundizzjoni li jkun operattiv bejniethom ir-Regulation 25.

"L-attur isostni illi huwa diga` hallas Lm14,895 lill-attur mill-Lm20,000 li semma ; ghalhekk kien fadallu jhallas Lm5,105. Fix-xhieda tieghu mbaghad jghid illi hemm zball fir-rikors guramentat (ara fol. 98) ghaliex kulma fadallu jhallas huwa '*Lm400 u Lm500 neqsin Lm14*' (ara x-xhieda tieghu a fol. 95). Huwa baqa` jsostni dan matul ix-xhieda tieghu (fol. 97). L-attur jghid illi l-karozza dak iz-zmien kienet tqum Lm8,400 wara li sarulha t-tibdiliet, u li kien qed ihallas pagament ta` Lm30 fil-gimgha fil-bidu. Hu jixhed illi wara xahrejn il-konvenut riedu jhallas Lm40 u wara sitt xhur beda jhallas Lm45 fil-gimgha (ara fol. 95). L-attur jirrimarka li tal-pagamenti kollha li saru lill-konvenut qatt ma nghata ricevuta u kull meta hallas dan sar in kontanti.

"Il-versjoni tal-konvenut hija *tutt`altro cielo*.

"Jixhed infatti li l-ftehim li kien ghamel mal-attur jittratta biss dwar il-kera tat-taxi (ara fol. 89). Fil-bidu l-attur kien puntwali fil-hlas tal-kera izda *man man* li beda jghaddi z-zmien beda jdum anke x-xhur biex ihallas. Il-vettura li kien isuq l-attur kienet waslet fi stat hazin b`dan illi l-attur kien qallu biex ibieghlu Mercedes u mill-flus li kellu jaghtih il-konvenut, jaqta` l-kera li kien ghad fadallu jhallas l-attur.

"Il-konvenut jghid illi l-attur '*nsista li jaqta' l-valur tal-karozza mill-kirjiet u qalli biex ihallasni ta` b`lura u biex jaghmel sentejn ma jhallasx kera biex jinqata` l-valur tal-Mercedes tieghu*'.

"Skond il-konvenut, il-partijiet fl-ahhar ftehmu li jinqatghu sena u nofs kera fl-smmont ta` Lm2,340. Il-konvenut jghid illi ftehmu li jaghmlu *transfer restriction* taht Regulation 25 sakemm jinqata` l-prezz taghha mill-kirjiet, sakemm jghaddu li kien fadal mis-sena u nofs (ara fol. 89). Meta ghaddiet is-sena u nofs huwa talab lil attur biex inehhi t-*transfer restriction* izda l-attur beda jahseb illi l-konvenut ried jehodlu l-karozza u l-permess tat-taxi. Huwa stenna sal-2007, sakemm l-attur hareg bil-pensjoni, sabiex

jiehu t-taxi lura u meta ma tahielux lura, ipprezenta Mandat ta` Qbid kontra l-attur (fol 90) biex jiehu l-karozza lura.

“Il-konvenut cahad li bejn il-partijiet kien hemm ftehim li huwa jithallas Lm20,000 sabiex jinqaleb il-permess tat-taxi fuq l-attur.

“Fl-ewwel relazzjoni tieghu (fol 167) l-espert tekniku, in linea mal-inkariku li kien inghata minn din il-Qorti fl-udjenza tat-18 ta` Mejju 2009 ighid hekk –

*“Il-vettura KTY 149 (Mercedes 200) … hija fi stat hazin hafna …*

*“Il-valur ta` din il-vettura fis-sena 2000 bhala vettura privata kien jiswa minn €5,600 … sa €5,800 … Din il-vettura giet b`magna petrol u b`kulur ahmar mill-fabbrika u giet mibdula ghal diesel u mizbugha kollha bajda.*

*“Il-valur … bhala taxi bil-permess inkluz … fis-sena 2000 kien minn €105,000 … sa €116,000.*

“Fit-tieni relazzjoni tieghu (fol 190), l-espert tekniku, in linea mal-estensjoni fl-inkariku li kien inghata fl-udjenza tat-28 ta` Jannar 2010, ighid hekk –

*“Jekk it-taxi tkun ta` kondizzjoni tajba wiehed ried ihallas medja ta` bejn ... Lm30 – Lm35 jew €70 - €81 fil-gimgha. L-ispejjez kollha involuti biex tinzamm f`kundizzjoni tajba ghall-kerrej.*

*“Jekk il-vettura tkun gdida jew moderna wiehed kien ikun irid ihallas medja bejn Lm40 – Lm50 jew €93 - €116. L-istess bl-ispejjez ta` manutensjoni ghalih.*

“**Ikkunsidrat:**

“**III. <u>Risultanzi</u>**

“Kull kaz ghandu jkun esaminat fuq il-mertu u l-fattispece partikolari tieghu. Dan ighodd ukoll fejn tidhol l-applikazzjoni ghall-kaz tal-principji tad-dritt kif mifhuma fid-dottrina u fil-gurisprudenza. Ic-certezza morali li fuqha l-gudikant ghandu jibni l-motivazzjoni tal-gudizzju tieghu trid issib il-gustifikazzjoni taghha fl-ewwel lok fit-totalita` tal-provi u fit-tieni lok fil-qafas tal-preponderanza tal-probabilitajiet.

“Bhala punt ta` dritt, il-piz tal-prova fil-mertu huwa mixhut fuq l-attur in kwantu l-konvenut jibqa` assistit mill-presunzjoni li mhux obbligat jaghmel il-prova negattiva. Il-Qorti trid tara jekk l-attur issoddisfax dak l-oneru billi wasal biex jipprova l-legittimita` tal-pretensjoni tieghu jew inkella kellhiex il-Qorti tapplika r-regola ta` gudizzju li l-fatti allegati ma gewx sodisfacjentement ippruvati (*non esse et non probari paria sunt*).

“Dan kollu jissarraf fil-principju li jirregola l-piz tal-prova u cioe` li x-xjenza tal-fatt allegat ghandu jigi pruvat mill-persuna li qed tallega dik ix-xjenza. *Del resto* hekk ukoll ighid l-Art. 562 tal-Kap. 12. Fil-kaz li din il-prova ma tkunx adegwata jew fil-kaz ta` dubbju l-allegata xjenza ghandha tigi rigettata. (**“Theuma vs Mercieca”** – Qorti tal-Appell – 20 ta` Frar 1996 ; **“Fenech Clarke et vs Borg et”** – Qorti tal-Appell – 30 ta` Mejju 1997 u **“Mizzi noe vs Borg et”** – Prim`Awla tal-Qorti Civili – 29 ta` Settembru 2009).

“Fil-kaz tal-lum, il-partijiet taw verzjonijiet opposti. Meta jigri hekk, il-Qorti jkollha taghmel ezercizzju sekondarju ta` verifika tal-fatti skond il-provi akkwiziti. Dan isir sabiex finalment il-Qorti jkollha stampa aktar cara u preciza sabiex tghid liema miz-zewg verzjonijiet tqarreb is-sewwa. Xi drabi dan ikollha taghmlu billi tmur ghal dettalji li forsi *prima facie* ma jkunux jidhru wisq rilevanti izda meta mbaghad meqjus f`kuntest aktar wiesgha u komplessiv jitfghu dawl fuq l-attendibita` ta` verzjoni fil-konfront ma` ohra.

“Fis-sentenza ta` din il-Qorti tal-24 ta` Novembru 1966 fil-kawza **‘Farrugia v. Farrugia’** kien inghad hekk -

> *“Il-konflitt fil-provi huwa haga li l-Qrati jridu minn dejjem ikunu lesti ghaliha. Il-Qorti ghandha tezamina jekk xi wahda miz-zewg verzjonijiet, fid-dawl tas-soliti kriterji tal-kredibilita u specjalment dawk tal-konsistenza u verosomiljanza, ghandhiex teskludi lill-ohra, anke fuq il-bilanc tal-probabilitajiet, u tal-preponderanza tal-provi, ghax dawn, f`kawzi civili, huma generalment sufficjenti ghall-konvinciment tal-gudikant. Mhux kwalunkwe tip ta` konflitt ghandu jhalli lill-Qorti f`dak l-istat ta` perpelessita` li minhabba fih ma tkunx tista` tiddecieci b`kuxjenza kwieta u jkollha taqa` fuq ir-regola in dubio pro reo.*

“Fil-kaz tal-lum, il-Qorti tghid li dwar l-allegat ftehim ta` trasferiment kemm tal-vettura kif ukoll tal-permess tat-taxi, id-deposizzjoni tal-konvenut taghti aktar affidament minn dik ta` l-attur. Dan qed jinghad ghaliex l-attur, ghalkemm jallega li kien hemm dak il-ftehim, ghajr ghal kliemu, ma gabx prova dokumentata jew xort`ohra li tikkorrabora l-istqarrija tieghu. Inoltre x-xhieda tieghu hija anke oggettivament distakkata mir-realta` tan-negozju u/jew bejgh u/jew trasferiment ta` taxis kif kien fis-sena 2000.

“Il-konvenut ighid illi huwa stenna sakemm l-attur hareg bil-pensjoni qabel ma ddecieda li jiehu lura l-karozza. Dan huwa kkorroborat mic-cirkustanzi hekk kif prezentati mill-attur ghaliex jirrizulta li fl-2007 l-attur ghalaq il-61 (I.D. Nru. 743945), u l-ewwel korrispondenza skambjata bejn l-attur u d-Direttur tal-Licenzji kienet fil-11 ta` April 2007. Fl-ittra l-avukat ta` l-attur jinforma li l-vettura de qua kienet kolpita minn *transfer restriction*. Meta mbaghad l-attur xehed fl-udjenza tat-18 ta` Mejju 2009 u (ara d-deposizzjoni tieghu a fol 98), u allura sentejn wara li l-attur kien beda jiehu l-pensjoni, huwa jistqarr hekk -

*“Avukat:* *Naqblu illi inti s-Sur Frendo kien waqqfek milli tahdem ?*

*“Xhud:* *Yes*

*“Avukat:* *Int imbaghad b`xhiex kont qed tghix?*

*“Xhud:* *B`xejn. Imbaghad **issa** waqajt penzjonant.*

*“Avukat.* *Jigifieri inti kellek flus biex fil-fatt tiddepozita l-bilanc ?*

*“Xhud:* *Dazgur li le, jekk hadli kollox hu, heq hadli l-ghixien tieghi tal-familja.*

“Il-Qorti tghid ukoll illi dak illi l-konvenut xehed dwar kemm kienu jinbieghu t-taxis bil-permess fiz-zmien rilevanti jeqreb ferm aktar lejn dak li sostna l-perit tekniku. U allura dak mistqarr mill-konvenut isib konfort fil-konkluzjonijiet peritali. Fl-ewwel relazzjoni tieghu, il-perit tekniku jghid li fis-sena 2000 biex wiehed jixtri karozza tat-tip Mercedes 200 bil-permess ta` taxi kellu jhallas bejn Lm45,000 u Lm50,000. Din il-figura hija aktar mid-doppju tas-somma li skond l-attur, il-partijiet kkontrattaw dwar il-bejgh tal-Mercedes 200 bil-pjanci ta` taxi (ara fol. 167). Inoltre, il-konkluzjonijiet peritali jsostnu dak li xehdu l-partijiet dwar il-kera ta` taxi ta` dak it-tip ta` vettura u cioe` li meta f`kundizzjoni tajba kienet bejn iggib bejn Lm30 u Lm35 fil-gimgha u jekk il-vettura tkun gdida, il-kera kienet toghla ghal Lm40 u Lm50 fil-gimgha. Li l-Mercedes kienet f`kundizzjoni tajba hafna meta din bdiet tintuza bhala taxi hija konfermata mill-attur stess (ara fol. 218) u allura ghal din il-Qorti il-verzjoni komplessiva tal-konvenut hija aktar konvincenti.

"Fis-sentenza taghha tad-19 ta` Novembru 2001 fil-kawza **"Calleja *noe* vs Mifsud**", il-Qorti tal-Appell qalet hekk dwar il-qies li ghandha tinghata perizja teknika –

*"Kemm il-kostatazzjonijiet tal-perit tekniku nominat mill-Qorti kif ukoll il-konsiderazzjonijiet u opinjonijiet esperti tieghu jikkostitwixxu skond il-ligi prova ta` fatt li kellhom bhala tali jigu meqjusa mill-Qorti. Il-Qorti ma kenitx obbligata li taccetta r-rapport tekniku bhala prova determinanti u kellha dritt li tiskartah kif setghet tiskarta kull prova ohra. Mill-banda l-ohra pero`, huwa ritenut minn dawn il-Qrati li kellu jinghata piz debitu lill-fehma teknika ta` l-espert nominat mill-Qorti billi l-Qorti ma kellhiex leggerment tinjora dik il-prova. Hu manifest mill-atti u hu wkoll sottolinejat fir-rikors ta` l-appell illi l-mertu tal-prezenti istanza kien kollu kemm hu wiehed ta` natura teknika li ma setax jigi epurat u deciz mill-Qorti minghajr l-assistenza ta` espert in materja. B`danakollu dan ma jfissirx illi l-Qorti ma kellhiex thares b`lenti kritika lejn l-opinjoni teknika lilha sottomessa u ma kellhiex tezita li tiskarta dik l-opinjoni jekk din ma tkunx wahda sodisfacentement u adegwatament tinvesti l-mertu, jew jekk il-konkluzjoni ma kenitx sewwa tirrizolvi l-kwezit ta` natura teknika.*

"In linea ta` principju, ghalkemm qorti mhix marbuta li taccetta l-konkluzjonijiet ta` perit tekniku kontra l-konvinzjoni taghha (*dictum expertorum numquam transit in rem judicata*), fl-istess waqt dak *ma jfissirx pero` illi qorti dan tista` taghmlu b` mod legger jew kapriccjuz. Il-konvinzjoni kuntrarja taghha kellha tkun ben informata u bazata fuq ragunijiet li gravament ipoggu fid-dubju dik l-opinjoni teknika lilha sottomessa b` ragunijiet li ma ghandhomx ikunu privi mill-konsiderazzjoni ta` l-aspett tekniku tal-materja taht ezami* ("**Grima vs Mamo et noe" –** Qorti tal-Appell – 29 ta` Mejju 1998)**.**

*"Jigifieri qorti ma tistax tinjora r-relazzjoni peritali sakemm ma tkunx konvinta li l-konkluzjoni ta` tali relazzjoni ma kienitx gusta u korretta. Din il-konvinzjoni pero` kellha tkun wahda motivata minn gudizzju ben informat, anke fejn mehtieg mil-lat tekniku.* ("**Cauchi vs Mercieca" –** Qorti tal-Appell – 6 ta` Ottubru 1999 **; "Saliba vs Farrugia**" – Qorti tal-Appell – 28 ta` Jannar 2000 u "**Calleja *noe* vs Mifsud**" – Qorti tal-Appell – 19 ta` Novembru 2001).

"Il-*giudizio dell`arte espress mill-perit tekniku ma jistax u ma ghandux, aktar u aktar fejn il-parti nteressata ma tkunx ipprevaliet ruhha mill-fakolta` lilha moghtija ta` talba ghan-nomina ta` periti addizzjonali, jigi skartat facilment, ammenokke` ma jkunx jidher sodisfacentement illi l-konkluzjonijiet peritali huma, fil-kumpless kollha tac-cirkostanzi, irragonevoli*" – ("**Bugeja *et* vs Muscat et" –** Qorti tal-Appell – 23 ta` Gunju 1967).

"Fil-kaz tal-lum, jirrizulta bhala fatt li ghalkemm l-attur ipprezenta nota fejn talab il-hatra ta` periti addizzjonali, ma baqax jinsisti fuq din il-hatra.

"Din il-Qorti sejra toqghod fuq l-accertamenti teknici li saru mill-perit gudizzjarju, ghax dawk huma kompetenza tieghu u ma gewx kontestati permezz ta` provi teknici ohra.

"Fis-sentenza taghha tat-30 ta` Ottubru 2003 fil-kawza **'Bugeja vs Meilak'** din il-Qorti diversament presjeduta (**PA/TM**) irriteniet hekk -

*"Fil-kamp civili ghal dak li hu apprezzament tal-provi, il-kriterju ma huwiex dak jekk il-gudikant assolutament jemminx l-ispjegazzjonijiet forniti lilu, imma jekk dawn l-istess spjegazzjonijiet humiex, fic-cirkostanzi zvarjati tal-hajja, verosimili. Dan fuq il-bilanc tal-probabilitajiet, sostrat baziku ta` azzjoni civili, in kwantu huma dawn, flimkien mal-proponderanza tal-provi, generalment bastanti ghall-konvinciment.*

"Issa din il-Qorti sejra tghaddi biex tqis it-talba ta` l-attur ghall-hlas ta` l-ammont ta` Lm8,500 ghall-bejgh tal-vettura.

"L-attur isostni illi l-konvenut ma hallas xejn minn dan l-ammont kif miftiehem mentri l-konvenut ighid illi hu u l-attur kienu ftehmu illi dan ta` l-ahhar jithallas billi ma jhallasx il-kera tat-taxi ghal zmien sena u nofs. L-ammont reklamat mill-attur jinvolvi mhux biss il-prezz tal-vettura fiz-zmien meta nbieghet izda wkoll l-ispejjez li nkorra biex minn hamra nzebghet bajda u biex minn b`magna petrol inqalbet ghal magna diesel.

"L-ewwel fatt li trid tistabilixxi huwa jekk tirrizultax il-prova ta` bejgh mill-attur lill-konvenut u jekk tassew kien hemm bejgh, jirrizultax inkella le li l-attur thallas il-prezz.

"L-unika prova li ressaq l-attur f`dan ir-rigward hija li l-vettura kellha *transfer restriction* skond ir-*Regulation* 25. Kif fisser Brian Farrugia mill-ADT, *transfer restriction* tobbliga lix-xerrej (f`dan il-kaz il-konvenut kif qed jigi allegat) li ma jittrasferix il-vettura minghajr il-permess ta` l-venditur (f`dan il-kaz l-attur kif qed jigi allegat).

"Fil-kawza **"Gruppetta vs Florian"** (A.K., 29 ta` Jannar 1980) kien ritenut illi r-Regolament 25 tal-*Motor Vehicles Regulations* ma jiddeterminax il-proprjeta` tal-vettura stante li dan jigi determinat mill-ftehim li jkun intlahaq bejn il-kontraenti :

"*L-iskop tar-regolament hu allura biex jassigura li f`kull mument ikun hemm persuna ben identifikata li tkun responsabbli ghall-vettura registrata mal-Kummissarju tal-Pulizija biex tirrispondi skond il-ligi ghal dak li seta` jigri bl-uzu ta` l-istess vettura. Ir-registrazzjoni u l-licenzja tal-vettura jistghu jkunu elementi ta` prova biex jigi determinat min kien il-proprjetarju taghha pero` dak li hu verament determinanti huwa l-ftehim kontrattwali bejn il-kontraenti u l-kondizzjonijiet li jirregolaw tali ftehim. Fil-kaz taht ezami ma hux kontestat li l-ftehim kien wiehed ta` 'hire purchase' u huma r-regoli gjuridici applikabbli ghal dan il-kuntratt li kellhom jirregolaw ir-relazzjonijiet bejn il-partijiet".*

"Fil-kaz tal-lum, jidher mil-*log book* tal-vettura (ara fol. 7 u 200) illi l-Mercedes giet trasferita lill-konvenut permezz ta` hire purchase, komunement imsejjah f'termini legali *pactum cum riservata dominii.* L-effett ta` dan il-ftehim huwa deskritt fis-sentenza fil-kawza "**Bonnett v. Azzopardi"** (A.K. 28 ta` Gunju 1922) fejn kien ritenut li –

"*In-natura intrinsika ta` dan il-kuntratt hija li fih **zewg stadji ben distinti**. Is-sid ta` l-oggett jittrasferixxi lill-kerrej **l-uzu u l-pussess** ta` l-oggett ghall-kirja specifika, b`dan li l-proprjeta` ta` l-oggett ma tghaddix ghand ix-xerrej **sakemm il-prezz ma jkunx imhallas kollu**. Il-venditur jibqa` legalment konsidrat li hu s-sid ta` l-oggett u l-proprjeta` ma tghaddix lill-venditur sakemm il-prezz tieghu ma jkunx gie saldat"*

(ara wkoll "**Degiorgio v. Micallef**" - A.C. fis-16 ta` Dicembru 1936 (Vol XXIX.I.1438, "**Muscat vs Bonnici et"** – A.C. 8 ta` Frar 1935 - (Vol XXIX.I.89) u **"Strickland v. Shepherd**" (A.C. 21 ta` Jannar 1951 (Vol XXXV.III.530)

"Fil-*log book* jirrizulta miktub il-kliem '*hire purchase*'. Dan huwa evidenza li kien hemm xi forma ta` ftehim bejn il-partijiet fis-sens ta` *pactum cum riservata dominii.* Dan ifisser illi l-venditur, f`dan il-kaz, l-attur ghadu legalment meqjus li hu s-sid tal-vettura. Il-konvenut, min-naha tieghu, ma ressaq l-ebda prova in sostenn ta` dak li qed jallega u cioe` li huwa hallas il-prezz ta` din il-vettura meta l-attur ma hallasx kera lilu ghal sena w nofs.

"Fir-rikors promotorju, l-attur jallega li l-prezz miftiehem kien ta` Lm8,500 liema prezz kien jinkudi l-ispejjez li ghalihom diga` saret riferenza. Ix-xhud Brian Farrugia kkonferma (a fol. 83) li l-Mercedes kienet ilha registrata f`isem il-konvenut mill-21 ta` Dicembru 2000. Skond il-perit tekniku, il-vettura Mercedes in kwistjoni fis-sena 2000 kienet tiswa bejn Lm2,400 u Lm2,500 u jekk kienet impurtata f`Malta gdida, kienet tiswa` bejn 15% u 20% aktar fuq dawn l-ammonti. Fil-fatt, il-perit tekniku, waqt l-eskussjoni, xehed illi kien ikkonferma illi l-Mercedes kienet fil-fatt giet gdida hawn

Malta u allura kienu japplikaw l-persentaggi li semma (ara fol. 196 tal-process). Dan huwa l-valur stabbilit mill-perit tekniku qabel ma saru t-tibdiliet fil-karozza. Jirrizulta li dawn it-tibdiliet saru wara li sehh it-trasferiment lill-konvenut, u allura l-Qorti mhijiex sejra tiehu in konsiderazzjoni l-valur tal-karozza wara t-trasferiment. Peress illi fir-relazzjoni tieghu l-perit tekniku ma tax valur specifiku ta` l-vettura, u peress illi jirrizulta li din il-karozza giet trasferita lejn l-ahhar tas-sena 2000, din il-Qorti *arbitrio boni viri* sejra tadotta l-ammont ta` Lm2,400, b`valur mizjud ta` 20%, peress illi din kienet dahlet gdida f`Malta, u tistabbilixxi li l-prezz taghha fis-sena 2000 kien ta` Lm2,880 (€6,708.59) liema ammont ghandu jithallas mill-konvenut."

Rat ir-rikors tal-appell tal-konvenut li in forza tieghu, ghar-ragunijiet minnu premessi, talab illi din il-Qorti joghgobha:

"(i) tannulla, tirrevoka u thassar *in toto* s-sentenza preliminari moghtija mill-Onorabbli Prim'Awla tal-Qorti Civili nhar it-28 ta' Marzu 2008 fil-kawza fl-ismijiet *Anthony Galea vs Gaetan Frendo*, Rikors Guramentat Numru 733/2007GV, li permezz taghha giet michuda l-ewwel eccezzjoni preliminari tieghu, u tghaddi konsegwentement sabiex tilqa' l-ewwel eccezzjoni tieghu u tichad fuq tali bazi t-tielet u r-raba' talbiet attrici; u (ii) tbiddel, temenda u timmodifika s-sentenza finali moghtija mill-onorabbli Prim' Awla tal-Qorti Civili nhar l-14 ta' Lulju 2011 fl-ismijiet *Anthony Galea vs Gaetan Frendo*, Rikors Guramentat Numru 733/2007GV u dan billi tikkonfermaha in kwantu cahdet it-tielet u r-raba' talbie attrici wkoll fuq il-bazi indikata fl-istess sentenza safejn kompatibbli mal-ewwel eccezzjoni, u tannullaha, tirrexxindiha u thassarha fejn laqghet limitament l-ewwel u t-tieni talbiet attrici, u minflok tichad it-talbiet kollha in toto, bl-ispejjez taz-zewg istanza kontra l-attur appellat."

Rat ir-risposta u l-appell incidentali tal-attur li in forza taghha, ghar-ragunijiet minnu premessi, talab, fl-ewwel lok, li l-appell interpost mill-konvenut appellant:

"… … … ghandu jigi michud bl-ispejjez kontra l-istess intimat appellant u s-sentenza tal-Prim' Awla tal-Qorti Civili tal-14 ta' Lulju 2011 konfermata inkwantu ghall-fatt illi ikkundannat lill-intimat appellant ihallas lill-esponenti appellat somma flus, u varjata inkwantu ghall-ammont hekk dovut; u fir-rigward tat-tielet u r-raba' kap tas-sentenza kif ser jigi mitlub hawn taht fl-appell incidentali tar-rikorrent appellat."

U fit-tieni lok, li din il-Qorti joghgobha:

> "… … … tvarja s-sentenza appellata moghtija mill-Prim' Awla tal-Qorti Civili tal-14 ta' Lulju 2011 fl-ismijiet Anthony Galea v. Gaetan Frendo billi [i] tikkonferma inkwantu ghal li kkundannat lil Gaetan Frendo jhallas somma ta' flus lill-esponenti bhala hlas tal-vettura tal-ghamla Mercedes, [ii] tvarja l-istess sentenza inkwantu ghall-ammont hekk iffissat minn dik l-Onorabbli Qorti sabiex jithallas minn Frendo lil Galea u [iii] tirrevoka inkwantu l-ewwel Qorti cahdet it-tielet u r-raba' talbiet tal-esponenti b'dan illi joghgobha minflok tiddikjara li llum-il gurnata l-pjanci ta' registrazzjoni KTY-149 huma proprjeta` tal-esponent la darba jhallas il-bilanc fuq ghoxrin elf Lira Maltin (u cioe` Lm5,105), kif ukoll tordna li l-pjanci ta' registrazzjoni KTY-149 jigu registrati f'isem Anthony Galea.
>
> "Bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-intimat appellant."

Rat ir-risposta tal-konvenut ghall-appell incidentali tal-attur li in forza taghha, ghar-ragunijiet minnu premessi, issottometta:

> "… … … Illi s-sentenza appellata, fil-parti fejn cahdet it-talbiet attrici mertu tal-appell incidentali intavolat mill-Attur Anthony Galea, hija gusta u timmerita konferma; mentri fejn l-attur qieghed jitlob li tigi varjata s-somma kanonizzata favur l-attur, tali talba ghandha tigi michuda u s-sentenza appellata ghandha tigi rexxissa, annullata u mhassra ai termini tal-appell principali billi l-esponent ma ghandu jaghti xejn lill-attur."

Semghet lid-difensuri tal-partijiet;

Rat l-atti kollha tal-kawza u d-dokumenti esebiti;

Ikkonsidrat:

Illi din il-kawza tikkoncerna ftehim li suppost sar bejn il-partijiet dwar il-bejgh u uzu ta' taxi. Il-ftehim ma sarx bil-miktub, u l-partijiet ma jaqblux dwar x'tip ta' ftehim sar, il-kundizzjonijiet marbuta mieghu, u kif sehhet l-esekuzzjoni ta' partijiet mill-ftehim. Minhabba f'hekk hemm diffikultajiet kbar biex wiehed jipprova jifhem xi ftehim sar, ghax kollox sar bid-diskors, fuq medda ta' zmien, u bla ebda prova dokumentarja, lanqas ricevuti tal-flus li allegatament ghaddew minn parti ghall-ohra. Li hu cert hu li l-attur ghamel zmien twil jahdem bit-taxi tal-konvenut u jhallas Lm30 fil-gimgha ghal dan l-uzu. Fis-sena 2000 din il-vettura ma kenitx ghadha tajba ghax-xoghol u gie miftiehem li tinxtara karozza gdida u jsir ftehim dwar l-uzu taghha. Minn hawn beda t-tahwid. L-attur jghid li l-karozza l-gdida xtraha hu, u ha hsieb hu biex il-magna tahdem bid-diesel flok bil-petrol u jisbohha bajda. Peress illi l-pjanci ghall-usu ta' taxi kienu tal-konvenut, il-karozza giet registrata fuq isem il-konvenut (taht dak li qabel kien maghruf bhala r-Regulation 25 li kien izomm lis-sid milli jbiegh il-vettura jekk mhux bil-permess ta' min kienet originarjament – *pactum cum riservata dominii*), bl-attur ihallas lill-konvenut Lm40 u, wara xi zmien, Lm45 fil-gimgha ghall-uzu tal-pjanci b'dan li meta jhallas Lm20,000 "<u>kollox</u>" ikun tieghu (cioe`, il-karozza u l-pjanci tat-taxi), bil-konvenut ikun obbligat li jaqleb il-permessi ghal fuq isem l-attur. L-attur jghid li hallas Lm14,895 bhala "kera" u li meta jhallas il-bilanc ta' Lm5,105, il-pjanci jkunu tieghu. Dwar il-karozza jghid li hu ttrasferiha lill-konvenut li ghad fadallu jaghtih Lm8,500 ghaliha.

Il-konvenut jaccetta illi xtara il-karozza minghand l-attur u din giet registrata fuq ismu bil-patt imsemmi, peress illi kien qed ihallas ghaliha b'mod rateali. Jghid ukoll illi peress li l-karozza inkriet lill-attur, sar ftehim li ghal zmien sena u nofs bejn l-2000 u 2001, ma jsirx hlas minn ebda parti, b'mod li kellha ssir tpacija bejn il-kera dovuta mill-attur, u l-hlasijiet akkont tal-prezz dovuti mill-konvenut. Hu jghid li l-prezz tal-karozza thallas kollu u ma ghandu jaghti xejn lill-attur, u li ma sar ebda ftehim fuq il-pjanci.

L-ewwel Qorti, wara li gharblet il-provi prodotti, u qieset li kellha tasal f'konkluzjoni wara apprezzament tal-fatti fid-dawl tal-konflitt fil-provi, qablet mal-attur fejn jghid li ghadu ma thallasx ghall-karozza (bi tnaqqis *arbitrio boni viri* biex jigi rispettat il-valur reali tal-karozza), izda kontra l-attur dwar il-pjanci, peress li fuq dawn qablet mal-konvenut li ma sar ebda ftehim.

Mis-sentenza tal-ewwel Qorti appella principalment il-konvenut li ressaq aggravju in konnessjoni mal-hlas li l-ewwel Qorti ordnatlu jhallas ghall-vettura, peress illi hu jghid li ma fadallu jhallas xejn ghaliha, u appella incidentalment l-attur peress li jsostni li sar ftehim fuq il-pjanci u peress li jsostni illi fadallu jiehu aktar ghall-karozza li xtara, mehud kont tal-ispejjez li nefaq biex jaqleb il-magna ghal wahda bid-diesel u biex jizboh il-vettura kulur abjad. Sar appell ukoll mill-konvenut mis-sentenza preliminari tat-28 ta' Marzu, 2008, li in forza taghha giet michuda l-ewwel eccezzjoni tieghu.

Fil-kuntest ta’ din is-sentenza preliminari, l-ewwel Qorti osservat li, fiz-zmien rilevanti, bejgh ta’ vettura kienet tehtig kitba privata *ad validitatem*, b’dan, pero`, li l-iskrittura setghet tiehu vari forom, u f’dan il-kaz tip ta’ skrittura ta’ trasferiment kienet tezisti. Ghalkemm l-eccezzjoni relattiva kienet indirizzata lejn in-nuqqas ta’ skrittura fuq it-“*trasferiment ta’ vettura*”, issa, f’dan l-istadju tal-appell, il-konvenut qed jghid li l-eccezzjoni ma kinetx indirizzata lejn it-trasferiment tal-vettura, ghax hu jammetti li xtara l-vettura minghand l-attur, izda lejn l-allegat ftehim ghat-trasferiment tal-pjanci. Il-konvenut jallega li ftehim simili ma setax isir verbalment.

L-aggravju relattiv huwa bla bazi, u hi skorrettezza da parti tal-avukat tal-konvenut illi, jipprova jdawwar is-sens tal-eccezzjoni kif minnu sollevata. Apparti dan, ma jirrizulta minn ebda ligi li ftehim fuq trasferiment tal-pjanci ta’ taxi jrid isir bil-miktub. F’dik l-epoka, l-awtorita` koncernata kellha politika li ma setax isir trasferiment ta’ permess ta’ taxi minghajr ma tigi trasferita l-vettura wkoll. Dan jista’ jkun minnu, pero`, il-ftehim li sar, dejjem skont il-verzjoni tal-attur, kienet <u>weghda</u> li ma tirrizultax li trid skrittura ghall-validita` taghha. Skont l-attur, il-ftehim kien li meta jkun ghadda Lm20,000 lill-konvenut ghall-uzu tal-vettura, ikollu “kollox” tieghu. It-trasferiment kellu jsir fil-futur, izda l-ftehim li hu l-meritu ta’ din il-kawza kienet biss forma ta’ promessa, li ma tehtiegx kitba ghall-validita` taghha.

Kwindi, l-appell tal-konvenut immirat lejn is-sentenza tal-ewwel Qorti tat-28 ta' Marzu, 2008, qed jigi michud u dik is-sentenza preliminari kkofermata.

Trattat issa l-aggravju tal-partijiet in konnessjoni mal-meritu tal-kawza, jigi osservat illi d-decizjoni tiddependi hafna fuq l-apprezzament tal-provi tal-gudikant, u din il-Qorti, bhala regola, tiddiferixxi hafna ghall-apprezzament li jkun sar mill-ewwel Qorti, pero`, xorta wahda jibqghalha l-obbligu li tezamina hi l-provi biex tara jekk sarx xi haga mhux flokha mill-ewwel Qorti.

Trattat l-ewwel il-materja tal-pjanci, kif inghad l-attur jghid li l-ftehim kien li kif ihallas Lm20,000, il-karozza, bil-pjanci b'kollox, ikunu tieghu. Hu jghid li mal-hlas "*jien ikolli kollox tieghi*". Dan is-suppost ftehim ma hu korroborat minn hadd u minn ebda kitba, u hija michuda mill-konvenut. Inoltre, jidher li l-pjanci kienu fuq isem il-konvenut ghal zmien twil, u ghalkemm kien juza t-taxi l-attur, sa qabel l-2000, ma jirrizultax li l-attur qatt talab li dawn iduru fuq ismu. Il-perit tekniku mahtur mill-ewwel Qorti biex jassistiha fl-indagini taghha, irrelata li fis-sena 2000, karozza tat-tip mixtrija bil-permess ta' taxi kienet tiswa bejn Lm45,000 u Lm50,000, u allura mhux verosimili li l-konvenut ibiegh kollox b'Lm20,000. Il-konvenut ma kienx juza hu l-pjanci u kera l-istess lill-attur li kien ihallsu Lm45 fil-gimgha ghall-uzu (rata wkoll konfermata mill-perit tekniku bhala wahda reali); kwindi ghal-*loss of use* kien qed jithallas kumpens, u zgur

li ma kienx sejjer jarmi *asset* li kellu valur ta' Lm45,000 bil-prezz ta' Lm20,000.

Kollox ma' kollox, din il-Qorti taqbel mal-konkluzjoni milhuqa mill-ewwel Qorti li t-tezi tal-attur ma hijiex verosimili, u fuq bilanc ta' probabbiltajiet ma tarax li hemm provi li jwasslu ghall-konvinciment tal-gudikant favur it-tezi attrici.

L-appell incidentali tal-attur f'dan ir-rigward hu ghalhekk michud.

Fil-kuntest tal-aggravju marbut mal-quantum tal-hlas tal-vettura, kif inghad l-attur jghid li ghandu jiehu aktar, waqt li l-konvenut jghid li ma fadallu jhallas xejn. Fuq dan il-punt, l-ewwel Qorti ma qiesetx il-verzjoni tal-konvenut li hu kien hallas kollox, izda qalet li darba li l-vettura giet registrata bil-*pactum cum riservata dominii*, ifisser li kien ghad hemm kondizzjonijiet marbuta mal-bejgh, partikolarment li jithallas il-prezz b'pagamenti rateali.

Din il-Qorti, fuq dan il-punt, tara li m'ghandhiex taqbel mal-ewwel Qorti. Hu veru li l-patt indikat juri li l-prezz kien ghadu ma thallasx meta sar it-*transfer*, pero`, ma jfissirx li baqa' ma sarx. Il-konvenut jghid li hu hallas il-prezz ta' din il-vettura meta l-attur ma hallasx il-kera lilu ghal sena u nofs. Prova ta' din l-allegazzjoni ma ngabetx, pero` tidher verosimili. Ma taghmilx sens li ghal seba' snin shah, l-attur, li kellu jiehu l-prezz tal-vettura minghand il-konvenut,

ihallas kera lill-konvenut b'rata l-ewwel ta' Lm30 u wara ta' Lm45 fil-gimgha. L-attur jghid li hu baqa' jhallas il-kera sal-ahharnett, u dan meta kellu jiehu, skont hu, Lm8,500 minghand il-konvenut. Anke jekk il-konvenut ma riedx li topera tpacija, l-attur kien zgur jghaddi ghad-depozitu tal-kera taht l-awtorita` tal-Qorti biex il-flus isibhom hemm meta jigi biex jitlob il-prezz tal-vettura. Tidher, ghalhekk, aktar kredibbli t-tezi tal-konvenut, fis-sens li l-partijiet ftehmu li ssir tpacija bejn il-kera u l-prezz tal-vettura. Hadd mill-partijiet ma ghandu ricevuta tal-hlasijiet li jghidu li saru – l-attur ma ghandux tal-kera li jghid li hallas waqt li l-konvenut m'ghandux ricevuti li juru li hu hallas ghall-vettura. Aktar allura taghmel sens li hlasijiet ma sarux ghax saret tpacija.

It-tezi tal-attur f'din il-kawza hija ftit kontradittorja. Ghall-bidu qisu jaghti x'jifhem li l-vettura kienet u baqghet tieghu, avolja registrata fuq isem il-konvenut, u kien qed ihallas Lm45 ghall-uzu tal-pjanci, b'dan li meta jhallas Lm20,000 jiehu l-pjanci fuq ismu. Eventwalment, jghid li l-vettura bieghha lill-konvenut (tant li fil-kawza irid il-prezz taghha), izda mal-hlas ta' Lm20,000 ghall-uzu taghha, din tkun regghet tieghu bil-pjanci b'kollox.

Sfortunatament, il-verzjoni jew verzjonijiet tal-attur mhux korroborati mic-cirkostanzi, u peress li l-piz tal-prova huwa fuqu, din il-Qorti ma tistax tasal biex tilqa' t-talbiet tieghu.

Il-konvenut, f'dan l-istadju ta' appell, eccepixxa wkoll il-preskrizzjoni a bazi tal-

Artikoli 2149(b) u 2156(f) tal-Kodici Civili. Din il-Qorti mhux mehtieg tidhol biex tezamina dawn il-materji darba li l-azzjoni attrici se tigi michuda. F'kull kaz, l-artikoli invokati mhux applikabbli ghall-meritu ta' din il-kawza. Dwar dak it-terminu ta' hames snin, il-konvenut ma jindikax minn meta t-terminu kien beda jiskatta, haga li hu obbligu tieghu li juri, u, kif inhu stabbilit mill-qrati taghna, l-eccezzjoni ta' preskrizzjoni ma hijiex kompatibbli ma' dik ta' tpacija sollevata mill-istess konvenut. Dawn l-eccezzjonijiet ta' preskrizzjoni qed jigu, ghalhekk, michuda.

Ghaldaqstant, ghar-ragunijiet premessi, tiddisponi mill-appell incidentali tal-attur billi tichad l-istess, u tiddisponi mill-appell principali tal-konvenut billi tilqa' l-istess in parte, fis-sens li (i) tichad l-appell fil-konfront tas-sentenza tat-28 ta' Marzu, 2008, u allura tikkonferma l-istess, (ii) tichad l-eccezzjonijiet tal-preskrizzjoni kif sollevati mill-konvenut f'dan l-istadju, u (iii) tirriforma s-sentenza tal-ewwel Qorti tal-14 ta' Lulju, 2011, billi tikkonfermaha fejn cahdet it-tielet u r-raba' talbiet attrici, izda tirrevokaha fejn laqghet l-ewwel u t-tieni talbiet attrici, u minflok tichad l-istess; b'dan, allura, li t-talbiet kollha tal-attur qed jigu michuda.

Dwar l-ispejjez tal-kawza, peress li tqis li z-zewg partijiet ikkontribwew ghall-problemi li wasslu ghal din il-kawza, avolja t-talbiet attrici gew michuda, tordna li l-ispejjez kollha tal-kawza, inkluzi dawk marbuta maz-zewg sentenzi in prim istanza, jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------